MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2002

Numru 857/1999

Illum 23 ta’ Jannar, 2002.

Il-Pulizija,

(Spettur Walter Spiteri)

vs

Eugenio Gaffarena.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra:

Eugenio Gaffarena, ta’ 41 sena, bin John u Michelina née Mifsud, imwieled l-Imqabba fil-5 ta’ Dicembru 1958 u residenti Casa Gaffarena, Triq il-Murselli, l-Imqabba, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 776958(M);

Akkuzat talli:-

1. Fis-6 ta’ Dicembru 1999 f’Hal Far ikkommetta serq ta’ travetti tal-hadid minn bini ta’ fabbrika li qed tinbena, liema serq hu kwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, lok, u xorta tal-haga misruqa;

2. Ukoll talli fis-6 ta’ Dicembru 1999 f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu oggetti misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew b’xi mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Ukoll talli fis-6 ta’ Dicembru 1999 saq vettura tal-marka Peugeot Talbot bi pjanci tar-registrazzjoni HAF-372 li kienu foloz u saq l-istess vettura meta ma kellux licenzja tat-triq mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr polza tas-sigurta` ghal riskji kontra terzi persuni;

4. Ukoll talli sar recidiv b’diversi sentenzi li saru definittivi u talli kiser il-provediment ta’ sentenza ta’ prigunerija ghal sentejn sospiza ghal erba’ snin moghtija lilu fis-27 ta’ Settembru 1999 mill-Onorevoli Imhallef Dr Vincent Degaetano LL.D.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali biex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma rizultat ta’ investigazzjoni li ghamlet il-pulizija fuq rapport anonimu li persuna b’van abjad kienet qed titlajja fil-qasam industrijali ta’ Hal Far u dehret suspettuza. L-indagni tal-pulizija waslu biex jigi mwaqqaf u konsegwentement arrestat l-imputat li kien qieghed isuq van abjad u fil-kaxxa ta’ wara kellu sitt travetti u sitt gakkijiet. Kien waqt li l-imputat ittiehed l-ghassa ta’ Birzebbugia li zewg persuni, jisimhom Frank Schembri u Anthony Cutajar, marru jaghmlu rapport l-

ghassa dwar li kien insterqulhom bosta ghodda. Anthony Schembri kien anki identifika t-travetti bhala li kienu tieghu.

Illi meta twaqqaf l-imputat instab li l-pjanci tal-vettura li kien qieghed isuq dak il-hin kienu foloz u li ma kienx hemm licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija fuq l-istess vettura.

Ta' min jinnota li l-akkuza issemmi 'travetti tal-hadid' u ma tikkwalifika ebda oggetti ohra.

Ikkunsidrat:
Li fost ix-xhieda li ipproduciet il-prosekuzzjoni hemm Joseph Delia, gia` sid il-vettura 'Peugeot Talbot', u Francis Schembri u Anton Cutajar il-persuni allegatament misruqa.
Joseph Delia waqt li ikkonferma li verament kien biegh l-vettura in kwistjoni lill-imputat, in kontro-ezami stqarr li fis-6 jew is-7 ta' Dicembru ta' dik is-sena kien miftiehem ma' l-imputat li jiltaqghu Hal Far fejn bieghlu "xi travetti u gakkijiet li [huwa] kellu".
Minn naha taghhom Francis Schembri u Anton Cutajar taw xhieda li kwazi skagunaw lill-imputat. Hekk per ezempju Cutajar stqarr li l-persuna li kien ra jghabbi l-ghodda fil-van kien "qasir u imbaccac"; ukoll li lill-imputat ma kienx jafu u kien qieghed jarah l-ewwel darba fl-okkazjoni meta kien qed jixhed. L-istess ghax-xhud Francis Schembri li filwaqt li ikkonferma li kien gharaf t-travetti l-ghassa mill-kulur taghhom 'orangio', muri r-ritratti tat-travetti esebiti in atti stqarr li kienu simili ghal dawk li kienu naqsulu. Referibbilment il-'jacks' ma ftakarx jekk kienux naqsulu.

Illi l-massima 'in dubbio pro reo' tassumi f'dan il-kaz importanza vitali fid-dawl tal-principju fondamentali li hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-oneru tipprova l-akkuzi 'minghajr ombra ta' dubbju' cioe` minghajr dubbju dettat mir-raguni.
Fil-kaz in meritu m'hemm xejn fl-aspetti principali tieghu li huma ragjonevolment certi u fejn allura dina l-Qorti tista'

issib reita` fl-imputat ghal dak li jirrigwarda l-ewwel jew alternattivament t-tieni akkuza.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet u r-raba' akkuza l-ammissjoni ta' l-imputat (ara l-istqarrija) ma jhallu ebda dubbju dwar il-htija tieghu.
F'dak li ghandu x'jaqsam mar-raba' akkuza ossia r-recidiva din tirrizulta ampjament (ara wkoll verbal folio 95).

Ghaldaqstant tiddecidi li tillibera l-imputat mill-ewwel u t-tieni akkuza izda issibu hati tat-tielet u r-raba'.
Ghal dik li hi piena rat 1-Artikolu 189, 7, 17 (f), 49, 50 u 31 tal-Kap 9, l-Artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kap 67 u l-Artikolu 3 (2) (a) u 2A tal-Kap 104 u tipprovdi:
(a) rigward l-akkuza li biha sabitu hati taht l-Artikolu 189 tal-Kap 9 (pjanci foloz) tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perijodu ta' tlett snin mil-lum;
(b) rigward n-nuqqas ta' licenzja u sigurta` ghal riskji kontra terza persuna, multa komplessiva ta' Lm300 li ghandhom jigu konvertiti f'xahar u nofs prigunerija fin-nuqqas ta' pagament fi zmien mhux oltre xahar mil-lum. Aktar tiskwalifikah mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghall-perijodu ta' sena mil-lum;
(c) rigward il-ksur tas-sentenza sospiza tordna li dina tibqa fis-sehh ai termini ta' l-Artikolu 28B(a) tal-Kapitolu 9.

--------------------------------TMIEM--------------------------------